Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

It- Tnejn, 19 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Joseph Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.13pm

**66.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

66.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

66.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal-Ħamsa u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

66.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**66.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

66.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li saret l- laqgħa bejn il-LESA, G4S u s- Sur Muscat dwar il-possibilta' li l-Kunsill jagħmel *upgrading* tas- sistema ta' kameras li jikkontrollaw id-dħul ta' vetturi u muturi ġewwa l-Mdina. F'din il-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li LESA u G4S ser jiffinanzjaw din is-sistema.

66.3.2 Is- Sindku infurma ruħu l-Kunsill li saret laqgħa mal- maniger inkarigat milll-attivitajiet kulturali mir-Reġjun Punent fejn ġew diskussi diversi temi fuq l-possibilita' ta' attivitajiet ġewwa l-Mdina matul is-sena.

66.3.3 Is- Sindku infuma lill Kunsill li ser issir laqgħa mas- Sovraintendenza tal- Wirt Kulturali Malti u Dipartiment ta' L-Artijiet fejn ser ikun hemm prezenti ukoll l-President tar- Reġjun Punent biex jaraw l-possibbilita' li jkun hemm *car park* biswit l-Istazzjon tal- ferrovija.

66.3.4 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ġie nfurmat minn Infrastructure Malta li fir-rigward ta' xogħol ta' gutters li kellu jsir ħdejn it-tinda taz-zwiemel, inqalaw xi intoppi minħabba problemi mal-kuntrattur għaliex l-kwotazzjoni li ngħatatilhom kienet għolja wisq. Ser jippruvaw isibu alternattivi.

66.3.5 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li fl-1 ta' Marzu 2024 ser ikun hemm deċizjoni mill-Awtorita ta' L-Ippjanar fuq l-għajn tal-ħasselin li tinsab fit-telgħa tas-Saqqajja.

66.3.6 Il-Kunsill ta' L-Mdina ġie nfurmat mill- Għassa tal- Pulizija tar- Rabat li mill-1 ta' Marzu 2024 minħabba li ser isir rinnovazzjoni fl-għassa tar- Rabat, temporanjament ser tiġi rilokata ġewwa l- Mdina. Is- Sindku talab li ssir laqgħa mas- Surpretendent ta' l-għass biex jiġi diskuss kif ser ssir aċċess għal min irid jagħmel uzu ta' l-għassa minħabba CCTV cameras li jinsabu ġewwa l-Mdina fejn dak li jkun irid ikollu permess mill-Kunsill.

**66.4 Rapport Finanzjarju Annwali 2023- Approvazzjoni**

65.4.1 Ir- rapport għas-sena finanzjarju annwali 2023 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuż) għal approvazzjoni. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

65.4.2 Prezenti għal din il-laqgħa kien l-accountant tal-Kunsill fejn ta spjeagazzjoni fuq id-dokument u rrisponda għal xi mistoqsijiet li għamlulu l-Kunsilliera.

65.4.2 Il-Kunsill fuq proponiment tal-Viċi Sindku s- Sur J. Debono u ssekondat mill- Kunsilliera s- Sna M. Sultana approva r-rapport finanzjarju għas-sena 2023

**66.5 Rapport Finanzjarju Tlett Xhur minn Ottubru sa Diċembru 2023- Approvazzjoni**

66.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Ottubru sa Diċembru 2023. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

66.5.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Maryann Sultana li kienet ssekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri, dan ir-rapport ġie approvat unanimament

**66.6 Kwotazzjonijiet Contracts Manager u Servizzi ta' Live Streaming**

66.6.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra tlett offerti fuq kwotazzjoni għal servizzi ta' Contracts Manager mal- Kunsill.

66.6.2 Il-Kunsill approva li jmur għal irħas offerta li kienet ta' Synthesis Services Management Ltd għas-somma ta' € 5000.

66.6.3 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra zewġ offerti fuq kwotazzjoni għal servizzi ta' Live Streaming tal-laqgħat tal-Kunsill.

66.6.4 Il-Kunsill approva li jmur għal irħas offerta li kienet ta' Correct Termination Ltd għas-somma ta' € 2124.50. Il-kuntratt ser ikun fuq medda ta' 4 snin u l-apparat ta' trasmissjoni ser jingħata b'xejn.

**66.7 Skemi maħruġa mill- DLG**

66.7.1 Is-SE pprezenta l-iskemi maħruġa mid- dipartiment li fiha bħala Kunsill nistgħu nibbenifikaw minn fondi.

66.7.2 Bħala Kunsill ser naraw x'jista jinteressa lilna u nissottomettu l-applikazzjonijiet meħtieġa.

**66.8 Stedina minn Dongcheng (China)**

66.8.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li bħala ftehim li kien sar mal- Belt ta' Dongcheng f' Beijing ġewwa ic- Ċina li rċevejna stedina għal zjara ġewwa din il- belt f' April li ġej.

66.8.2 Għar- raġuni li ma tantx baqa' zmien biex nipprreparaw din il-mawra kif ukoll f' Gunju li ġej hemm l-elezzjonijiet tal- Kunsill, il-Kunsill ta' l-Mdina ser jitlob li din il-mawra ssir wara s-sajf li ġej.

**66.9 Focus Europe b'rabta ma' Fondi Ewropej**

66.9.1 Il-Kunsill rċieva proposta fuq sħubija ma' l-organizzazjoni Focus Europe b'rabta ma' proġetti bi finanzjament minn fondi ewropej u l-implementazzjoni tagħhom.

66.9.2 Il-Kunsill talab li jkollu aktar informazzjoni fuq x'tip ta' proġetti wieħed jista' jibbenefika li kieku l-Kunsill kellu jissieħeb.

**66.10 Post ta' Skrivan Skala 15**

66.10.1 Is- SE infurma lil Kunsill li saru l-interviews ma min wera l-interess li jiġi ingaġġat bħala skrivan fi skala 15. Huwa qal li minn sbatax il-ruh li wrew interess u ngħatalhom appuntament għal intervista, sitta biss ġew għal intervista. Wara l-intervisti ġew shortlisted għal tlieta pero' sadanittant tnejn minnhom sabu xogħol alternattiv. Għaldaqstant kien baqa' persuna waħda li kellha l-kwalifiki neċessarji.

66.10.1.1 Għaldaqstant il- Kunsill għazel li jingaġġa s- Sinjura A. Mallia u talab li jinfurmaha minnufih għar-raġuni li l-uffiċċju ilu bi skrivana fuq reduced hours biss għal dawn l-aħħar ħames xhur fejn kien qed jaffettwa l-operat tal-Kunsill.

**66.11 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

66.11.1 Arċikonfraternita ta' San Guzepp- Talba għal permess tan-nar waqt il- Festa ta' San Guzepp.- Il-Kunsill approva.

66.11.2 Premju Mara 2023/24- Il- Kunsill ser jinnomina li Sister Celia Agius Vadala.

66.11.3 Restoration Directorate- Kunsill ġie nfurmat li l-istruttura perikoluza li tinsab fuq l-għassa tal-pulizija ġewwa l- Mdina fejn nfurmawna li din taqa' taħt r-responsabbilta' tal- Lands. Il-Kunsill talab li din il-kopja ta' email tintbgħat lil Dipartiment ta' L- Artijiet.

66.11.4Arċikonfraternita ta' San Guzepp- Stedina lis- Sindku biex jattendi l-quddiesa pontifikali tal-Festa ta' San Guzepp.

66.11.6 Kummissjoni Zgħazagħ Rabtin San Pawl- Talba biex jarmaw mejda ħdejn il-Kattedral ta' L-Mdina fi zmien l-Ghid ibegħu qaghaq ta' l-appostli. Il-Kunsill approva.

66.11.7 Mdina Grand Prix- Talba għal laqgħa mal-Kunsill biex tiġi diskussa t-tellieqa tal- Mdina Grand Prix mill-10 sa 13 ta' Ottubru 2024. Ser issir laqgħa ma' l-organizzaturi.

**66.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

65.12.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 19 ta' Frar 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 25,027.21

65.12.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta

**66.13 Tmiem tal- Laqgħa**

66.13.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 17.38pm u ġiet aġġornata għas-11 ta' Marzu 2024 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:____11 ta' Marzu 2024__